5. Hemm xi qarrejja li jippreferu storja jkunu jafu l-konklużjoni malajr u jippreferu jaqraw stejjer qosra. Inti ktibt bosta novelli, insemmi fost oħrajn, "Il-Bieb Numru 11 u stejjer oħra" fl-2007 u "Intermezzi", fl-2012. X'tgħidilna dwar dawn iż-żewġ kotba? U kif tqabbel il-kitba tan-novella ma' dik tar-rumanz?

T. Iva, barra dawk iż-żewġ kotba ta' stejjer infatti hemm ukoll "Bellus u Bizzilla" u dalwaqt ikollna f'idejna "Ħin l-Istejjer" li huwa ġabra oħra ta' stejjer. Ma tistax tqabbel rumanz ma' storja jew novella għax din aktarx li dejjem tittratta pjan jew problema sempliċi li wara li tesponiha lill-qarrejj, bil-mod il-mod tibda ssib irkabtu kif ser tħollha b'tali manjiera li l-karattri li qed titkellem fuqhom ikunu sodisfatti u fl-istess ħin il-qarrej ma jiddejjaqx. Ir-rumanz huwa biċċa xogħol aktar ikkumplikata, mhux eżatt storja twila, imma jitlob li fih ikollok ġeneralment aktar karattri u aktar komplikazzjonijiet biex issolvihom.

*6. Lina, inti wkoll ħdimt għal ħafna snin bħala għalliema u wkoll pproduċejt għadd kbir ta' programmi. Għallimt fl-iskejjel primarji tal-gvem tal-Gżira u Tas-Sliema, u wara fil-Kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara. Imbagħad nafuk ukoll tipproduċi diversi programmi fuq ir-Rediffusion, Radju Malta u anke RTK. Jiġuni f'moħħi fost oħrajn "Mill-Ġnejna Maltija", "Ħlieqa Bejnietna" u "Nofs Siegħa Flimkien". X'tgħidilna dwar din l-esperjenza u jekk kellhiex xi effett fuq il-kitba tiegħek biex tkompli timmatura l-ħsieb tiegħek?*

T. Iva, kif qed tgħid sewwa int, Omar jien kont għalliema għal bosta snin kemm fi skejjel tal-Gvern u kemm fil-Kulleġġ San Alwiġi. Ikolli ngħid li l-esperjenza ta' għalliema kienet waħda mill-isbaħ u li daħlet bħala sfont f'ħafna mill-kitbiet tiegħi. Dwar il-bosta programmi li ppreżentajt fuq ir-radju, naturalment kull programm huwa bħal sfida li għall-ewwel ibeżżgħak u jaqtagħlek qalbek u wara tibda tirrealizza li hemm fih ukoll sodisfazzjon kbir, barra li kulma tmur dejjem titgħallem kif tikteb aħjar, tbaxxi rasek li drabi tagħmel l-iżbalji u taċċetta pariri minn min jaf aktar minnek. Ir-radju jagħtik is-sodisfazzjon li qed tkellem direttament lis-semmiegħa, waqt li meta qed tikteb storja jew rumanz inti qisek qed tikkomunika biss mal-karta jew mal-kompjuter, qisha ħaġa ċassa għalkollox.

*7. Lina, kif staqsejtek qabel inti ħriġt numru sabiħ ta' kotba. Imma inti ddedikajt ukoll ħafna u ħafna ħin għal oħrajn anke b'riżq il-letteratura permezz tal-għaqdiet. X'tgħidilna dwar dan is-sehem tiegħek fl-Għaqda Letterarja fost oħrajn?*

T. Ħdimt ferm fl-għaqdiet l-aktar fl-Għaqda Letterarja Maltija li tista' tgħid kont fiha mill-bidunett u b'xorti ħażina kelli nkun il-president fost dawk il-ftit li bqajna fl-aħħar meta ħadna d-deċiżjoni li nagħlqu l-Għaqda: data li ma ninsa qatt – it-8 ta' Mejju, 2009, wara kważi sittin sena. Emminni li mort lura d-dar bid-dmugħ f'għajnejja! Fl-Għaqda kont bħala membu għal bosta snin u kont ukoll president. Kienu snin mill-isbaħ li għalkemm kont għadni qed inrabbi lit-tfal kont nagħmel kull sagrifiċċju biex nipproduċu programmi kull ġimgħa fuq ir-radju u għal bosta snin konna noħorġu ir-rivista 'Forum'. Immaġina kemm ġiri għar-riklami u biex inqassmuh ma' Malta u Għawdex. Dak iż-żmien ftit kien hawn rivisti tal-istess livell tiegħu. Kull ħames snin konna noħorġu antoloġija letterarja li minnhom ħriġna għaxra. Konna kull sena nniedu konkorsi kbar "Pinna Żagħżugħa" għall-eluf ta' studenti tal-iskejjel sekondarji ta' Malta u Għawdex, konkorsi għall-kittieba adulti. B'sogħba jkolli ngħid li ladarba waqafna aħna ħadd aktar ma daħal għall-intrigu bħal dan.

*8. Is-snin imqanqal tas-sebgħin u tmenin ispiraw numru mhux żgħir ta' awturi Maltin. Imma minn dak li rajt f'"Katrina", il-ħarsa tiegħek ma baqgħetx l-aktar fuq dak li kien qed jiġri f'Malta imma fil-ħajja ordinarja tan-nies. Il-koppja xorta bdew jaraw kif ser jiltaqgħu, kompliet tistudja, ħadu l-għerusija eċċ. Għalkemm b'mod sottili ħafna imma naraw li t-taqlib politiku jaffettwa l-ħajja ta' koppja.*

T. Ħadd ma jista' jinnega dak li ġara hawn Malta fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet tas-seklu li għadda, dak parti mill-istorja (history) tagħna. Kien żmien imqalleb, żmien ta' bidla u nittamaw li minnu ħarġu mhux biss traġedji ta' qsim il-qalb u nkwiet imma xi ġid ukoll. Importanti li l-ħajja tibqa' sejra, dik lezzjoni iebsa li tgħallimt fi tfuliti fil-gwerra u li minix biħsiebi ninsieha qatt. It-taqlib politiku bilfors li jeffettwa b'xi mod jew ieħor lil kull ċittadin, ħaġa li ħadd ma jista' jikkontrollaha, imma jibqa' l-fatt li kull individwu ma jitlifx rasu u jibqa' miexi fuq il-valuri li tgħallem.

*9. F'"Mal-Fwieħa tal-Ward" li ħareġ propju s-sena li għaddiet ukoll naraw li imgħoddi jibqa' jiġri warajna. Fil-fatt Julie kienet tħoss ukoll li minkejja li kienet tħobb lil Gordon b'imħabba tal-ġenn, qatt ma seta' jkun tagħha!*

T. Kemm hija verità sagrosanta, dik li l-imgħoddi u kulma nagħmlu fih ma jispiċċa qatt fix-xejn imma jibqa' jiġri warajna b'riżultati differenti għax jiddependi jekk l-għemil tagħna kienx tajjeb u ta' fejda għal xi ħadd, jew għall-kuntrarju jekk weġġajniex lil xi ħadd. Drabi nittamaw li dak li għamilna fid-dlam u bil-moħbi ma jsir jafu ħadd. Jaħasra għalina. Drabi jkollhom jgħaddu għaxriet ta' snin, imma nemmen li ż-żejt, xi darba jew oħra, dejjem jitla' f'wiċċ l-ilma. Meta nweġġgħu lill-oħrajn barra li huma jkunu vittmi tagħna, aħna wkoll nispiċċaw il-vittmi prinċipali tagħna nfusna għax il-kuxjenza ma tafx tiskot.

*10. Ma nistax ma nsaqsix xi tfisser għalik l-Isla li ħalliet bosta memorji sbieħ u rrid ngħid li jien bħala persuna mill-Kottonera nieħu gost mhux ftit li titkellem b'mod pożittiv ħafna dwar il-Kottonera. Fix-xogħol sabiħ tiegħek "Sireni u Serenati" nesperjenzaw il-ħajja fix-xelters u fil-katakombi kontra l-bombi tal-għadu. Fil-fatt ta' min ngħidu li inti wkoll kellek tħalli l-Isla minħabba t-Tieni Gwerra Dinija. F'dan il-ktieb iddewwaqna wkoll ma' logħob tat-tfal u mogħdija taż-żmien kif ukoll mal-kruha tal-mard u l-perikli tal-ħaddiema tat-Tarzna speċjalment waqt l-attakki mill-ajru.*




T. L-Isla u l-Kottonera kollha bqajt inħobbha għalkemm kelli naħrab minn hemm. Ftit tal-ġimgħat ilu kelli laqgħa ma' xi Sengleani fis-sala ta' San Filippu flimkien mal-qassisin Salesjani. Nogħxa meta nerġa' nsib ruħi l-Isla u jerġgħu jiġu quddiem għajnejja dawk il-karattri kollha li ħabbejt u ħabbewni fi tfuliti. Int semmejtli l-logħob li niżżilt biċċa minnu f'"Sireni u Serenati"; veru qisna li aħna li konna tfal dak iż-żmien konna tant differenti minn uliedna u wlied uliedna tal-lum. Konna nedhew b'kollox, nilagħbu b'kull ma nsibu f'idejna, u ngħid li konna nħaddmu rasna ferm iktar milli qed iħaddmuha it-tfal tal-ġenerazzjoni tal-lum bl-għerf kollu li għandhom. Dwar il-ħaddiema tat-Tarzna ta' żmien il-gwerra għalija kienu kollha eroj. Jien naf għax missieri kien wieħed minnhom, it-torturi li għaddew minnhom huma u l-familji tagħhom Alla biss jaf.

*11. Il-kuntest storiku jilgħab kif għedna rwol importanti ħafna fir-rumanzi tiegħek. F'"Luċjano", ngħidu aħna, li ħareġ fl-2016 naraw li l-bidu ta' din l-istorja huwa ambjentat f'razzett ġo Wied Babu fis-sena 1900. Aktar tard naraw l-effetti ta' l-Ewwel Gwerra Dinjija, u mard ta' dak iż-żmien fosthom l-influwenza Spanjola. Dan jagħti dak il-valur miżjud, imma kif għidt l-enfasi tibqa' anke f'dan il-każ fuq Bettina u Luciano.*

T. Ir-rumanz "Luciano" huwa l-iktar rumanz li fih tidħol l-istorja ta' Malta b'attenzjoni speċjali lejn kull dettall tal-istorja. Kif semmejna qabel, ukoll f'nofs dik il-qerda tal-Gwerra l-Kbira u tal-Influwenza Spanjola xorta waħda l-imħabba tinbet u tagħmel l-għeruq, u allaħares ma kienx hekk.

*12. Ma staqsejtek xejn dwar il-poeżija, imma nafu li inti wkoll membru onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin għas-sehem li tajt b'riżq il-poeżija. X'tikkummenta dwar dan u xi jfisser għalik dan il-premju?*

T. Veru, jien kultant nikteb xi vrus, mhux il-ħafna, imma għandi bosta poeżiji. Ngħid il-verità, ma tantx nikteb vrus għax għandi l-impressjoni li l-qarrejja inġenerali ma jħobbux il-poeżija u jippreferu xi rumanz jew storja. Allura dan il-fatt qisu jgerrixni u ndur għall-proża. Imma xorta jibqa' l-fatt li drabi meta l-Muża tittantani jkolli nbaxxi rasi u nibda nħarbex.